# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


***Minuti tat-68 laqgħa tas-Sitt Kunsill Lokali li nżammet fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tlieta, 27 ta' Jannar 2015 fil-5:00 p.m.***

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| **Sindku** | Mario Gauci |
| **Viċi Sindku** | Mark Azzopardi |
| **Kunsillieri** | Christopher Fenech |
| | Alfred Muscat |
| **Aġent Segretarju Eżekuttiv** | Kurt Guillaumier |
| **Skużati** | |
| **Kunsillier** | Vincent A Galea |
| **Ambaxxatriċi Żagħżugħa** | Rebecca Chircop |

**68/01 Talba**

**68/01/01** Il-laqgħa bdiet fil-5.00 p.m. billi ntqalet it-talba. Is-Sur Vincent A Galea u L-Ambaxxatriċi Żagħżugħa Rebecca Chircop ġew skużati.

**68/02 Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Nru 67**

**68/02/01** Ma kien hemm ebda korrezzjoni fil-minuti. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati u iffirmati l-minuti.

**68/03 Punti mtella' mill-Minuti 67**

**68/03/01** **Para 67/03/02:** L-Avukat tal-Kunsill għandu jinforma lill-Kunsill bid-data tal-laqgħa mal-kuntrattur.

**68/03/02** **Para 67/03/03:** Reġgħet saret talba lil WSC biex jingħata l-materjal lill-kuntrattur. Il-Kunsillier Christopher Fenech ser ikompli isegwi sabiex il-WSC jipprovdu l-materjal halli jibda x-xoghol fi Triq Fra D. Mifsud.

**68/03/03** **Para 67/03/04:** Il-Kunsill għadu ma sema' xejn dwar meta ser issir laqgha mal-Ministru J. Mizzi. Gie innutat li t-*traffic management* il-gdid ta' Triq Sta Katerina gie approvat mit-*traffic committee* li fuq hemm preżenti ukoll il-Ministru. Gie deċiż li nsegwu mad-Dipartiment tad-Distretti l-bini ta' żewġ *traffic humps* fi Triq Katerina Sammut filwaqt li għandha tinġabar kwotazzjoni ukoll ghal dan ix-xoghol minghand Roads Servicing Ltd.

**68/03/04** **Para 67/03/06:** Il-Kunsill innota li għadha ma saritx *site inspection* mill-MEPA fi Triq Katerina Sammut.

**68/03/05** **Para 67/03/07:** Għandha ssir laqgħa bejn is-Segretarju Eżekuttiv u l-*Paying Agency*

rigward il-pagamenti pendenti kif ukoll insegwu dwar *Measure* 125.

**68/03/06** **Para 67/03/15:** Saret talba sabiex jiġi installat l-*internet* u linja tat-telefon fil-librerija l-ġdida. Ser issir talba lil Madam tal-Iskola Primarja sabiex it-tfal jiġu infurmati bil-post u l-hinijiet tal-ftuh tal-Librerija Pubblika.

**68/03/07** **Para 67/03/18:** Għandha ssir data mill-gdid biex niltaqgħu mad-Direttur Ġenerali tal-GPD dwar is-Searchlight Battery.

**68/03/08** **Para 67/03/19:** Il-Kunsill unanimament approva li jsiru 24 toqba fi Triq Ghaxqet l-Ghajn sabiex fihom jehlu l-arbli tan-Nar tal-Art. Gie deċiż li l-Kunsill jixtri l-materjal mehtieg filwaqt li tinhareg *Works Order* lid-Dipt tad-Distretti sabiex isiru 3 toqob tat- 3 pulzieri u 21 toqba tas-6 pulzieri.

**68/03/09** **Para 67/06/01:** Il-Kunsillier Alfred Muscat informa li s-Sur Jesmond Aquilina kien aċċetta li jaghmel ix-xoghol mehtieg fuq il-monument tal-Pjazza. Hu ser isegwi.

**68/03/10** **Para 67/07/01:** Il-Kunsill iddiskuta t-talba sabiex nippartecipaw fl-Inter-Generational Project Valletta kif ukoll l-emails li baghat il-Kunsillier Vincent A. Galea. Gie unanimament deċiż li l-Kunsillier Vincent A. Galea jintalab jipprovi aktar dettalji dwar x'jinvolvi dan il-progett peress li hu kien attenda l-laqgha li kienet saret.

**68/03/11** **Para 67/07/02:** Ġie innutat li intbagħtu l-applikazzjonijiet tal-Memo 30/2014 Spazji Pubbliċi.

**68/03/12** **Para 67/07/04:** Ġie innutat li l-Green MT bagħtu 300 romblu *garbage grey bags* oħra. Ġie unanimament deċiż li ssir extension ta' sena fuq il-ftehim eżistenti bħalissa.

**68/03/13** **Para 67/07/08:** Ġie deċiż li nergghu niktbu lil TM dwar il-*culvert* ta' Triq San Gwann.

**68/03/14** **Para 67/08/02:** Kien hemm qbil unanimu li tiġi aċċettata l-kwotazzjoni ta' €1200 + Vat biex jiġi stampat il-fuljett tal-Kunsill b'20 paġna. Il-Kunsillieri kollha ser jiktbu kontribut ghal din il-harga.

**68/04** **Approvazzjoni ta' Pagamenti**

**68/04/01** L-Aġent SE ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti pendenti / imħallsa li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet ġiet ippubblikata l-*Agenda.* Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-pagamenti kollha.

**68/05** **Approvazzjoni tar-Rapport Aministrattiv.**

**68/05/01** Ġie imressaq u diskuss ir-Rapport Amministrattiv kif ukoll l-Estimi Finanzjarji tal-Kunsill għas-sena 2015 *(draft).* Dawn gew approvati unanimament.

**68/06** **Ilmenti u Suġġerimenti**

**68/06/01** 18115062223562 – Talba sabiex jitwaħħlu *dog bins* fi Triq tal-Ferħa. Kien hemm qbil unanimu li għandu jitwaħħal wieħed.

**68/06/02** 1811503122321 – Talba sabiex jitwaħħlu *dog bins* fil-limiti tax-Xwieki. Ġie innutat li diġà hemm 2 *dog bins* f'din iż-żona.

**68/06/03** 18115062223636 – Ġie diskuss ilment li qed ikun hemm bowser tal-WSC li qed jigi ibattal ġo *manhole* fi Triq il-Ġnien. Dan l-ilment ġie mgħoddi lill- Pulizija u lil WSC.

**68/06/04** Ġie innutat li xi hadd kien rema ammont ta' *brick*s fi Sqaq il-Ħofra. Dawn kienu tnehhew mill-haddiema tal-Kunsill. Il-Kunsill iddiskuta x'mizuri jista forsi jiehu biex jiġi ikkontrollat l-access ghal dan l-isqaq però ma kienx hemm qbil ta' x'jista jsir.

**68/06/05** Is-Sur Christopher Fenech informa li tabella li twaħħlet fi Triq l-Oratorju li tindika li fil-Pjazza t-traffiku jsir *2 way* tista tiġi interpretata li din tghodd ukoll ghal Triq l-Oratorju. Ġie deċiż li din it-tabella tiċċaqlaq ftit aktar 'il fuq jekk inhu possibbli. Rigward tabella fi Triq Naxxar din ukoll ser titressaq ftit ghaliex ġiet eżatt quddiem tieqa ta' residenza. Il-Kunsillier Christpher Fenech semma ukoll li kellu suġġeriment sabiex fi Triq l-Oratorju jibda jithalla li jsir parkeġġ fuq iż-żewġ naħat. Il-Kunsill unanimament ma qabilx ma dan is-suggeriment peress li jhoss li l-wisa tat-triq ma jippermettix li jsir dan. Il-Kunsill qabel li ghandu jkun hemm infurzar ahjar fil-Pjazza u fit-toroq tal-vicin speċjalment filghaxija meta qed ikun hemm hafna abbużi.

**68/06/06** Talba biex jitwaħħal bank fuq il-bankina fi Triq Caravaggio fejn darba kien hemm wieħed. Filwaqt li l-Kunsill ihoss li kemm jista jkun il-bankina ghandhom ikunu hielsa minn kull ostaklu qabel li ladarba kien hemm diġà bank qabel fl-istess post għandu jiġi verifikat jekk il-Kunsill għandux wieħed u jitwahhal.

**68/07** ***Korrispondenza***

**68/07/01** Ġiet innutata korrispondenza mid-DLG rigward it-tqassim tas-*Coeliac Vouchers.*Il-Kunsill qabel li jipparteċipa f'din l-iskema kif proposta peress ukoll li n-numru ta' *vouchers* li jridu jitqassmu hu wiehed zghir.

**68/07/02** Gie innuta korrispondenza dwar nomini għal Premju Segretarju Eżekuttiv tas-sena.

**68/07/03** Ġiet innutata l-Allokazzjoni Finanzjarja għas-sena 2015. Gie innutat ukoll li d-DLG kien qabad u naqqas ammont mill-allokazzjoni finanzjarja biex ikopri ammonti dovuti lil MITA. Gie innutat li dawn l-ammonti kienu diġà thallsu mill-Kunsill u ghalhekk Id-DLG ghandu jirrifondi dawn il-fondi.

**68/07/04** Ġew diskussi diversi applikazzjonijiet tal-MEPA ghal zvilupp fil-lokal.

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**68/07/05** Il-Kunsill innota konferenza fit-23 u fl-24 ta' Frar għal Proġett ERSI.

**68/07/06** Ġiet innutata stedina għal Seminar - *Sustainable Development* fit-28 ta' Jannar 2015.

**68/08** **Materji oħra u mistoqsijiet**

**68/08/01** Il-Kunsill ġie nfurmat li saret it-talba lid-DLG biex jiġi impjegat skrivan ieħor mal-Kunsill. Qedin nistennew risposta. Dwar pagamenti lil Melita Cable gie innutat li ukoll qedin nistennew risposta minghand DLG.

**68/08/02** Il-Kunsill ġie nfurmat li ser issir laqgħa l-MEPA fit-13 ta' Frar 2015 dwar Applikazzjoni PA 1083/07 li ghandha x'taqsam ma żvilupp propost ghal Triq Sta Katerina li kienet ġiet appellata mill-Kunsill.

**68/08/03** Ġiet deċiż li issir laqgħa mal-Pulizija dwar l-Purċissjonijiet tal-Gimgha Imqaddsa. L-Agent S.E. ser jiehu hsieb jaghmel appuntament. Ghal din il-laqgha ser jattendi ukoll il-Kapillan

**68/08/04** Ġiet diskussa l-offerta mill-kumpanija Rodeco biex isir *patching* tat-toroq. Ġie deċiż li jsir rendikont ta' kemm hemm bżonn li jsir *patching* fit-toroq qabel ma tittieħed deċiżjoni. Gie innutat ukoll li sabiex isir dan ix-xoghol ser ikun hemm bżonn li tinhareg sejha ghall-kwotazzjonijiet.

**68/08/05** Rigward il-laqgha tal-Progett LEAP ser ikompli isegwi l-Kunsillier Vincent A. Galea flimkien mal-Kunsillier Alfred Muscat peress li hu responsabbli mill-qasam soċjali. Rigward l-ghotja ta' 30 sigra taz-zebbug il-Kunsill irringrazzja lis-Sur Martin Chetcuti. Gie deċiż li issir attivita' sabiex jithawwlu dawn is-sigar fl-inhawi tas-*Searchlight Battery*. Din l-attivita' ser tiġi ikkordinata mill-Vici Sindku Mark Azzopardi flimkien mal-Kunsillier Christopher Fenech. Ser naraw hux possibbli li jiġu involuti t-tfal tal-iskola Primarja.

**68/09** **Aġġornament**

**68/09/01** Il-laqgħa ġiet aġġornata fis-6.45 p.m. wara li l-*items* fuq l-*Agenda* ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra ssir nhar il-Ħamis, 12 ta' Frar 2015 fis-6:00 p.m.

| | | |
|---|---|---|
| **Mario Gauci** | **Kurt Guillaumier** | **12 ta' Frar 2015** |
| **Sindku** | **Aġent Segretarju Eżekuttiv** | |